KAMRA TAD-DEPUTATI

MALTA

HOUSE OF REPRESENTATIVES

Onor. Tonio Fenech
Chairman, Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Il-Palazz,
Il-Belt Valletta

3 ta' April, 2014

**Talba għal investigazzjoni mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi**

Onorevoli Fenech,

L-Avviż Legali 47 tal-2014 jipprovdi u jimplimenta l-*Individual Investment Programme* u fi klawżola 3(2) tiegħu jistipola li t-tħaddim ta' tali programm fuq din l-skema ta' bejgħ ta' ċittadinanza Maltija ikun f'idejn konċessjonarju u cioe f'idejn il-kumpanija privata Henley & Partners.

Minn żewġ Mistoqsijiet Parlamentari (7535 u 7879) li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni lill-On. Ministru għall-Intern, il-Gvern iddikjara li ma jridx jagħti informazzjoni fuq il-kuntratt li l-Gvern iffirma ma' Henley & Partners għax il-kuntratt fih informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u b'kontenut kummerċjalment sensittiv. Di piu, rappreżentant tad-ditta Henley & Partners fuq l-istazzjon nazzjonali iddikjara li l-kuntratt ma jistax ikun ippubblikat għax dan jinċidi fuq is-sigurta nazzjonali tagħna.

L-Oppożizzjoni ma tistax taċċetta li ditta privata barranija ikollha informazzjoni dwar is-sigurta nazzjonali Maltija iżda l-Parlament Malti, l-ogħla istituzzjoni f'Malta, ma jkollux din l-informazzjoni.

Għaldaqstant f'isem l-Oppożizzjoni qed inressaq talba uffiċjali biex dan il-kuntratt mad-ditta Henley & Partners jitressaq għall-iskrutinju dettaljat tal-kumitat tal-Kontijiet Pubblici.

Saħħa u Sliem,

**Jason Azzopardi MP**